# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 42/2019/1 BS**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**v.**

**Marcellino u Lucia Anna konjuġi Haber**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti Marcellino u Lucia Anna miżżewġin Haber kontra sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) nhar it-3 ta' Ottubru, 2023, fejn din: (i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom; (ii) astjeniet milli tqis l-ewwel talba tal-bank attur; (iii) laqgħet il-bqija tat-talbiet kollha tal-bank attur biex il-konvenuti jħallsuh is-somma ta' 19,538.28 Dollari Amerikani, u (iv) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jħallsuhom kollha l-konvenuti.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fil-11 ta' Ġunju, 2019, il-bank attur fisser li f'Jannar tas-sena 2016, l-attur Marcellino Haber kien mar fil-fergħa tal-bank fir-Rabat, Għawdex u wera interess li jibda jħaddem flusu mal-bank fil-qasam tal-investimenti u tal-finanzi. Għal dan il-għan, fis-27 ta' Jannar, 2016 l-attur iffirma *Stockbroking and Advisory Services Agreement (Nominee, Advice and Securities Transactions)* mal-bank sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jaġixxi f'isem il-konvenut fix-xiri u l-bejgħ tal-investimenti.

3. Spjega wkoll li fl-1 ta' Ġunju, 2016, il-konvenut qabbad lill-bank sabiex jixtri f'ismu 2,330 sehem mill-investiment b'isem *ETFS Crude Oil*, li kien sejjer jiswa 20,150.12 Dollari Amerikani. Żied jgħid li l-konvenut kien ilu jixtri u jbiegħ minn dan it-tip ta' investiment sa mis-27 ta' Jannar, 2016 u xogħol il-bank f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ tal-investimenti, fosthom ix-xiri li sar fl-1 ta' Ġunju, 2016, kien biss dak li jeżegwixxi l-ordnijiet tal-konvenut.

4. Ġara, skont il-bank attur, li meta huwa għamel l-ordni għax-xiri tal-investiment imsemmi u aktar tard mar biex inaqqas il-flejjes imsemmija mill-kont bankarju tal-konvenut, skont l-istruzzjonijiet li kienu ngħatawlu

mill-istess konvenut, irriżulta li fil-kont bankarju ma kienx hemm flus biżżejjed sabiex jagħmlu tajjeb għall-prezz ta' dan l-investiment. Dan seħħ minħabba li meta l-bank attur mar biex iwettaq dan it-tnaqqis, il-konvenut laħaq għamel żewġ ordnijiet ġodda għax-xiri ta' investimenti oħrajn li kienu jiswew 14,108.69 Dollari Amerikani u 35,180.32 Dollari Amerikani rispettivament, u b'hekk il-konvenut ma kellux biżżejjed fondi sabiex iħallas għall-investimenti kollha. Dan wassal biex il-bank attur baqa' ma tħallasx għas-somma ta' 19,538.28 Dollari Amerikani li ħareġ biex huwa jixtri l-investiment *EFS Crude Oil* għall-konvenuti. Kemm hu hekk, minħabba n-nuqqas ta' fondi fil-kont bankarju tal-konvenut, is-sistema kompjuterizzata tal-bank tefgħet it-transazzjoni f'*reject account* u l-bank intebaħ bis-sitwazzjoni biss wara xi żmien.

5. Billi minkejja li huma ġew imsejħa biex jagħmlu dan, il-konvenuti baqgħu ma ħallsux lill-bank attur is-somma ta' 19,538.28 Dollari Amerikani flimkien mal-ispejjeż bankarji marbuta max-xiri tal-investiment ordnat mill-konvenut fl-1 ta' Ġunju, 2016, u mal-imgħaxijiet relattivi, il-bank attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) sabiex:

> *«(i) tiddisponi mit-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12;*
>
> *(ii) tiddikjara lill-Bank attur kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' dsatax-il elf ħames mija u tmienja u tletin Dollari Amerikani u tmienja u għoxrin ċenteżmi ($19,538.28) jew l-ekwivalenti tagħhom f'denominazzjoni tal-Ewro, flimkien mal-ispejjeż bankarji relattivi li l-konsistenza tagħhom tirriżulta fil-kors tal-kawża;*

*(iii) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-ammont kollu dikjarat dovut, bl-imgħax legali mill-ewwel (1) ta' Ġunju 2016 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti inklużi tal-ittri interpellatorji tat-23 ta' Awwissu 2017 u 13 ta' Frar 2018, u tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Mejju 2018 numru 319/2018, u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment.*

*Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu mħarrkin.»*

6. B'digriet mogħti waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju, 2019, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-każ m'għandux jinstema' bil-proċedura sommarja u għalhekk tat lill-konvenuti l-fakultà li jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fiż-żmien li trid il-liġi. Dawn wieġbu għar-rikors tal-bank attur fit-22 ta' Lulju, 2019 u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament il-lis alibi pendens stante li din il-materja diġà tinsab pendenti quddiem l-Arbitru Finanzjarju u għalhekk għall-aħjar istruzzjoni ta' din il-kawża huwa opportun li dina l-Onorabbli Qorti tissoprasjedi u tistenna l-eżitu tal-ilment imsemmi;*

*2. Illi fil-mertu t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*3. Illi l-ammont reklamat mil-bank attur mhux dovut stante dan jirriżulta minn negliġenza grossolana da parti tal-bank fl-eżekuzzjoni tas-servizzi tiegħu li sarraf sabiex l-esponenti jagħmlu telf sostanzjali ta' flus inkluż is-somma reklamata mil-istess bank u dan hekk kif sejjer jiġi ippruvat fil-mori tal-kawża;*

*4. Illi l-investiment li sar huwa null stante li ma sarx bil-kunsens espliċitu tal-attriċi Lucia Anna Haber minkejja l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-konvenuti;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

7. B'sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

*«Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha ġa mogħtija l-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba, tilqa' l-bqija tat-talbiet tal-Bank attur.*

*Bl-ispejjeż kollha a karigu tal-konvenuti.»*

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«**IKKUNSIDRAT:***

*Il-kawża tal-lum hija waħda li permezz tagħha il-Bank of Valletta qed jitlob li jitħallas lura is-somma minfuqa minnu meta huwa xtara strument ta' investiment fil-vesti tiegħu ta' nominee fuq inkarigu speċifiku ta' Marcellino Haber.*

*Il-konvenuti jilqgħu għal din it-talba billi fl-ewwel lok jqajmu l-eċċezzjoni tal-lis alibi pendens u jgħidu li hemm fl-istess ħin proċeduri għaddejjin quddiem l-Arbitru Finanzjarju u għalhekk il-proċeduri quddiem din il-Qorti għandhom jiġu stallati [sic!] sakemm jinqata' l-arbitraġġ.*

*Minn eżami tal-atti jirriżulta li l-konvenuti ma ressqu ebda prova in sostenn ta' din l-eċċezzjoni u lanqas ma nsistew fuqha tant li l-kawża baqgħet tinstema'. Apparti dan kollu mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta li l-proċeduri quddiem l-Arbitru Finanzjarju illum huma weqfin jistennew l-eżitu tal-proċeduri odjerni. In vista ta' din id-dikjarazzjoni da parti tal-konvenut il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni.*

*Eċċezzjoni oħra sollevata mill-konvenuti hija li t-transazzjoni li a bażi tagħha l-Bank attur qed jitlob rifużjoni hija nulla billi saret mingħajr il-kunsens tal-konvenuta Lucia Anna Haber u dana stante li bejn il-partijiet jeżisti r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. Apparti mill-fatt li l-Qorti tosserva li l-konvenuta ma ħadet l-ebda pass sabiex tannulla t-transazzjoni li kien għamel żewġha u għalhekk illum l-eċċezzjoni li l-investiment huwa null għax ma sarx bil-kunsens tagħha ma treġix, mill-provi akkwiżiti jirriżulta illi l-kont mal-Bank of Valletta b'denominazzjoni f'dollari nfetaħ mill-konvenut waħdu. Jirriżulta wkoll illi wara li l-konvenut iffirma l-kuntratt mal-Bank fis-27 ta' Jannar, 2016 huwa għamel sensiela ta' transazzjonijiet ta' bejgħ u xiri ta' ishma f'kumpaniji diversi tramite l-Bank qua nominee. Biex saru dawn it-transazzjonijiet intuża dejjem l-istess kont. Minn analiżi tat-trading history tal-konvenut joħroġ ben ċar illi huwa kien attiv mhux ħażin u sa anke wasal biex jinnegozja minn fuq pjattaforma diġitali. It-transazzjoni tal-1 ta' Ġunju, 2016 ma kinitx att iżolat iżda kienet waħda minn sensiela sħiħa ta' transazzjonijiet. Fid-dawl ta' dawn il-fatti kollha l-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi l-aġir tal-konvenut jinkwadra sew f'dak li huwa pprovdut taħt l-Artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li: «Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kinux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew*

*professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja». Dan l-artikolu irid jinqara flimkien ma' dak dispost fil-paragrafu (f) tal-Artikolu 1327 li jipprovdi s-segwenti:- «kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda».*

*Dan ifisser illi inkwantu għall-atti mwettqa mill-konvenut għalkemm ma kienx hemm ħtieġa tal-kunsens tal-konvenuta, madankollu kull rifużjoni li talvolta tista' tkun dovuta lill-Bank attur għandha xorta waħda tbatiha l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konvenuti u għalhekk ir-raba' eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti ser tiġi miċħuda wkoll.*

*Tenut ferm dan kollu imiss l-Qorti tindaga jekk l-ammont reklamat mill-Bank attur hux effettivament dovut mill-konvenuti. Din il-Qorti fliet ix-xhieda tal-impjegati tal-Bank u anke tal-konvenuti. Mill-korp kollu tax-xhieda miġbura joħroġ ċar illi hemm qbil bejn il-partijiet li fl-1 ta' Ġunju, 2016 il-konvenut kien għamel ordni għal xiri ta' elfejn tliet mija u tletin (2,330) stokk f'ETFS Crude Oil. Dakinhar illi għamel l-ordni l-konvenut kellu flus biżżejjed fil-kont biex dan l-akkwist isir mill-Bank of Valletta bħala nominee tal-konvenut. Jirriżulta iżda illi wara dakinhar il-konvenut għamel ordnijiet oħra għal xiri ta' investimenti mal-Bank bir-riżultat li l-flus li kien hemm fil-kont tnaqqru bir-riżultat li l-bilanċ li kien hemm fil-kont ma kienx biżżejjed biex ikopri l-prezz tal-istokk kollu mixtri fuq diversi jiem. Sadanittant il-Bank attur laħaq xtara l-elfejn tliet mija u tletin (2,330) stokk skont l-ordni magħmula mill-konvenut.*

*Il-Qorti tosserva li l-konvenuti ma jiċħdux illi l-istokk inxtara. Jirriżulta wkoll li fis-6 ta' Ġunju, 2016 il-konvenut tramite l-bank biegħ dan l-istess l-istokk ta' elfejn tliet mija u tletin (2,330) f'ETFS Crude Oil. Lanqas ma jiċħdu illi l-prezz tal-istokk ma ġiex imnaqqas mill-kont. Id-diffikultà tal-konvenuti hija li fil-frattemp il-valur tal-istokk niżel. Tant hu hekk li l-konvenuta xehdet illi l-flus «Ġew investiti mingħajr ma qatgħu l-flus minn fuq l-account tagħna». L-istess konvenuta mbagħad tgħid «Nagħtihomlu shares, jeħodhom kif inhuma». Dan ifisser ukoll illi l-konvenuti ma humiex jiċħdu illi l-Bank għandu jitħallas.*

*Barra minn hekk il-konvenuti jressqu l-argument illi huma ma ffirmaw ebda ftehim mal-Bank għal overdraft jew self u għalhekk il-Bank ma għandux id-dritt li jitlob lura il-flus li ħareġ. Jinsistu li dan huwa kollu riżultat ta' żball tal-Bank. Il-Qorti iżda ma taqbilx mal-argumenti sollevati mill-konvenuti. Fl-ewwel lok fil-każ odjern minn imkien ma jirriżulta li kien hemm xi self mill-Bank u lanqas li kien hemm xi faċilità ta' overdraft. Li joħroġ sew mill-provi huwa li meta l-konvenut għamel l-ordni għal xiri tal-istokk imsemmi flus fil-kont kien hemm biżżejjed biex din it-transazzjoni ssir. Billi t-transazzjoni ma ssirx immedjatament malli jkun hemm l-ordni, meta l-konvenut poġġa ordnijiet oħra għal aktar xiri, inqabeż il-bilanċ li kien hemm fil-kont. Il-Qorti hawnhekk tosserva li ħadd ħlief il-konvenut ma kien fid-dmir li jżomm rendikont tal-attività finanzjarja tiegħu. Kien jinkombi fuq il-konvenut li jżomm sew taħt għajnejh il-ħruġ u d-dħul fil-kont tiegħu sabiex jkun ċert illi kellu l-*

*likwidità neċessarja biex jkompli bl-attività tiegħu.*

*Huwa minnu illi matul il-kawża l-konvenuti jittentaw jitfgħu dan il-piż fuq il-Bank madankollu l-Qorti hija tal-fehma illi r-reponsabbiltà tal-ġestjoni tal-fondi f'kont bankarju mhix tal-Bank iżda tal-persuna li fuq isimha jkun il-kont.*

*Huwa minnu wkoll li l-konvenuti jargumentaw illi l-konvenut ma għandux livell ta' edukazzjoni għoli u għalhekk kien jħalli f'idejn l-impjegati tal-Bank, però fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument ma għandux mis-sewwa meta wieħed jara l-attività li kien għaddej biha l-konvenut. Mill-atti jirriżulta b'mod ċar illi l-konvenut kien jixtri u jbigħ ishma diversi. Kien jiddepożita l-profitti u jerġa' jinvesti. Dan l-aġir żgur ma jirrispekkjax xi ħadd li ma għandux idea ta' x'qed jagħmel. Aktar minn hekk jirriżulta li kellu anke pjattaforma biex iżomm ruħu aġġornat bl-andament tas-suq. Il-Qorti tosserva wkoll li n-negozju tramite din il-pjattaforma kien isir mill-konvenut waħdu mingħajr l-intervent tal-Bank u allura altru li kien jaf x'qed jagħmel.*

*Barra minn hekk il-kawża tal-lum ma ġietx intavolata mill-konvenuti kontra l-Bank attur għax tilfu l-flus li investew, iżda ġiet intavolata mill-Bank li jrid lura l-flus li huwa ħareġ għax-xiri tal-istokk skont l-ordni mogħtija mill-konvenut. Mix-xhieda tal-impjegati tal-Bank ħareġ ċar illi l-Bank ma indunax mill-ewwel li fil-kont tal-konvenut ma kienx hemm flus biżżejjed. Kif ġa ngħad mix-xhieda konsistenti tal-impjegati tal-Bank jirriżulta li meta saret l-ordni kien hemm flus biex ikopru l-prezz. Għalhekk l-argument li l-Bank kien negliġenti ma jreġix. Kien ikun hemm bażi għal argument ta' negliġenza li kieku l-Bank aċċetta l-ordni meta flus ma kienx hemm fil-kont. Dan iżda ma hux il-każ odjern, billi mill-provi prodotti joħroġ ċar illi meta l-konvenut għamel l-ordni, f'dak il-mument preċiż kien hemm fondi biżżejjed biex ikopru l-prezz tal-istokk.*

*Tenut kont ta' dan il-kwadru ta' fatti l-Qorti tqis li l-iżball sar mill-konvenut meta dan ma żammx rendikont tal-infiq u għamel ordnijiet f'ammonti li kienu jaqbżu l-bilanċ fil-kont tiegħu. Il-Qorti tifhem illi xiri ta' stokk ma jseħħx immedjatament mal-ordni u għalhekk il-persuna li fuqha jkun il-kont trid iżżomm rendikont sew tal-attività fuq il-kont tagħha. Huwa ben ċar li dan l-eżerċizzju l-konvenut ma għamlux.*

*Kif ġa ngħad mill-atti proċesswali jirriżulta li l-Bank ħareġ il-flus biex inxtara l-istokk u meta mar fuq il-kont tal-konvenut biex jieħu l-flus li kien ħareġ sab li ma kienx hemm biżżejjed u għalhekk is-sistema tal-Bank tefgħet it-transazzjoni f'Reject Account. Dan iżda ma jfissirx li l-istokk ma nxtarax għax infatti l-konvenut reġa' nnegozja l-istess stokk u għamel użu sħiħ mir-rikavat mill-bejgħ tal-istess.*

*Tenut kont ta' dawn il-fatti u l-konsiderazzjonijiet kollha ġa magħmula l-Qorti tqis li t-talbiet tal-Bank attur huma ġustifikati u ser tgħaddi biex tilqagħhom għax altrimenti tkun qed tagħti lok għal arrikkiment inġust da parti tal-konvenuti.»*

9. B'rikors tal-appell imressaq fit-3 ta' Ottubru, 2023, il-konvenuti miżżewġin Haber talbu għat-tħassir ta' din is-sentenza billi ressqu żewġ aggravji fejn ilmentaw: (i) li l-Ewwel Qorti għarblet b'mod żbaljat il-fatti li kellha quddiemha; u (ii) li l-ispejjeż tal-kawża kellu jeħilhom il-bank attur u mhux huma.

10. Il-bank attur wieġeb għall-appell tal-konvenuti fil-5 ta' Diċembru, 2023 u hemm ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn jemmen li dan l-appell għandu jiġi miċħud. B'żieda ma' dan, huwa talab lil din il-Qorti tħaddem kontra l-konvenuti s-sanzjoni misjuba fl-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li fil-fehma tiegħu l-appell tal-konvenuti huwa fieragħ u vessatorju.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħhom il-konvenuti appellanti jilmentaw mill-mod ta' kif l-Ewwel Qorti għarblet il-fatti li kellha quddiemha. Isostnu li l-

Ewwel Qorti żbaljat f'dan l-għarbiel tagħha tal-provi u naqset milli tqis numru ta' fatturi. L-argumenti tal-konvenuti jistgħu jinġabru hekk: (i) li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis ix-xhieda tal-impjegati tal-bank attur fejn dawn stqarrew li hekk kif daħlet l-ordni tax-xiri tal-investimenti mertu tal-kawża, l-ammont dovut mill-konvenut kellu jiġi mblukkat mill-bank sabiex dan ma jkunx jista' jintuża minnu biex iwettaq transazzjonijiet oħra; (ii) li minħabba f'hekk, il-bank attur huwa ħati ta' negliġenza grossolana għaliex dan messu mblokka l-flejjes imsemmija mill-kont bankarju tal-konvenut; (iii) li l-bank attur naqas milli jwettaq id-dmirijiet tiegħu għaliex minkejja li dan kellu l-awtorizzazzjoni u b'hekk mandat mingħand il-konvenut Marcellino Haber sabiex jiġbed il-flus mill-kont bankarju tal-konvenut, huwa la mblokka u lanqas ġibed dawn il-flus; (iv) li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis li l-konvenut kien dejjem jistaqsi lill-impjegati tal-bank jekk kellux biżżejjed flus qabel jinvesti; (v) li l-bank attur kellu kontroll assolut fuq il-kont bankarju tal-konvenut; (vi) li kien biss sena u nofs wara li sar ix-xiri tal-investimenti li l-bank attur induna li l-flus ma tnaqqsux mill-kont bankarju tal-konvenut; u (vii) li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis li l-konvenut kien awtorizzat mill-bank sabiex jibqa' jinvesti sakemm investa l-flus kollha li kellu fil-kont bankarju, u dan dejjem wara li wettaq il-verifiki tiegħu mal-impjegati tal-bank attur.

13. Din il-Qorti tqis li għalkemm il-liġi u kif ukoll id-duttrina tagħraf ir-rabta legali ta' bejn bank u klijent tiegħu bħala waħda ta' debitur u

kreditur (ara ***Avukat Grazio Mercieca nomine v. Anthony Debono nomine et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Kummerċ fis-26 ta' Novembru, 1984), dik ir-rabta tnissel fiha wkoll relazzjoni ta' bejn mandant u mandatarju (ara ***Walter George Whicker nomine v. Carmelo Caruana nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar, 1957, ***Ali El-Haddar et nomine v. Lombard Bank plc*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2020 u ***Bank of Valletta p.l.c. v. Simone Bianchi et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ottubru, 2024).

14. Issa ma hemmx dubju li meta l-bank attur xtara l-ishma mill-investiment b'isem *ETFS Crude Oil* fl-1 ta' Ġunju, 2016, dan għamlu fil-kappell tiegħu bħala mandatarju tal-konvenut Marcellino Haber, wara li dan tal-aħħar tah struzzjonijiet speċifiċi sabiex isir ix-xiri tagħhom f'ismu. Iżda bil-maqlub ta' dak li jippruvaw jagħtu x'jifhmu fl-appell tagħhom il-konvenuti, il-bank attur ma kellu ebda obbligu li jimblokka l-flus meħtieġa biex jitwettaq dan ix-xiri mill-kont bankarju tal-konvenut fil-mument li saret l-ordni għax-xiri; għalkemm il-bank kien awtorizzat mill-istess konvenut biex jekk irid huwa jagħmel dan (ara d-dokument iffirmat minn Marcellino Haber f'paġna 242 tal-atti tal-kawża).

15. Din il-Qorti tagħraf li seta' kien ikun jaqbel aktar, li kieku l-flejjes meħtieġa għax-xiri tal-ishma ordnati fl-1 ta' Ġunju, 2016 ġew immedjatament imblukkati mill-kont bankarju tal-konvenut hekk kif saret

l-ordni, jew li kieku l-bank attur ħaddem xi tip ta' sistema elettronika li kienet tgħarrfu b'kull ordni għal xiri ta' investimenti li kien hemm pendenti f'isem il-konvenut. Li kieku ttieħdet xi waħda minn dawn il-miżuri, dak li seħħ x'aktarx kien jiġi evitat.

16. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-bank attur ma kellu ebda obbligu jew dmir li jħaddem dawn il-miżuri. Tassew, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, temmen li r-responsabbiltà għat-tħaddim tal-kont bankarju tal-konvenut u għan-nefqiet li kienu qegħdin isiru minnu ma kienet ta' ħadd ħlief tal-konvenut innifsu. Kien għalhekk fid-dmir tal-konvenut li joqgħod b'seba' għajnejn biex ma jonfoqx u ma jinvestix aktar flus minn dawk li huwa kellu depożitati fil-kont bankarju tiegħu. Wara kollox, minn qari tad-dokumenti li tressqu bħala prova fl-atti tal-kawża huwa ċar li l-bank attur dejjem qagħad fuq l-istruzzjonijiet u l-ordnijiet esklussivi tal-konvenut meta xtara u biegħ l-investimenti f'ismu, u qatt ma tah pariri dwar kif dan kellu juża flusu fil-qasam tal-investimenti. Jiġi b'hekk, li mhumiex siewja l-konvenuti meta jgħidu li l-bank attur kellu kontroll assolut fuq il-kont bankarju tal-konvenut.

17. Fuq kollox, huwa fatt mhux ikkontestat li meta l-konvenut Marcellino Haber mar biex jordna x-xiri tal-investimenti fl-1 ta' Ġunju, 2016, huwa kellu biżżejjed flus fil-kont bankarju tiegħu biex ikun jista' jitwettaq b'suċċess dak ix-xiri. Għalhekk, il-konvenuti żgur ma jistgħux

jallegaw li l-konvenut Marcellino Haber ġie b'xi mod żgwidat mill-impjegata tal-bank, Josette Grillage, meta fl-1 ta' Ġunju, 2016, din ħadet l-ordni tiegħu u għarrfitu li kellu biżżejjed flus fil-kont bankarju tiegħu biex ikun jista' jipproċedi b'dak ix-xiri.

18. Anzi, bil-maqlub, kien il-konvenut Marcellino Haber li mexa b'nuqqas ta' għaqal, meta ftit tal-jiem wara, jiġifieri fit-3 ta' Ġunju, 2016 u fis-6 ta' Ġunju, 2016, għamel żewġ ordnijiet oħra għal xiri ta' investimenti ma' Joyce Hili, jiġifieri impjegata oħra tal-bank differenti minn dik li qdietu fl-1 ta' Ġunju, 2016, u naqas li jgħarrafha li huwa kien għamel ordni għal xiri ta' investimenti ftit tal-jiem qabel, li kienet għadha pendenti. Tassew, kien in-nuqqas tal-konvenut – kemm li jagħti dan it-tagħrif lil din l-impjegata tal-bank, u kif ukoll li jżomm rendikont tal-ordnijiet li kien għamel u tal-infiq tiegħu – u mhux xi negliġenza min-naħa tal-impjegati tal-bank attur li wassal biex ma kienx hemm biżżejjed flus fil-kont bankarju tiegħu meta ġiet ipproċessata l-ordni li huwa għamel fl-1 ta' Ġunju, 2016. Kienu sewwasew dan iż-żewġ nuqqasjiet li wasslu lill-bank attur biex ma jsibx biżżejjed flus fil-kont bankarju tal-konvenut meta ġie biex jiddebita dan il-kont bankarju bil-flus li huwa ħareġ biex xtara f'isem il-konvenut, l-ishma ordnati minnu fl-1 ta' Ġunju, 2016.

19. Li kieku fit-3 u fis-6 ta' Ġunju, 2016, il-konvenut fittex li jinqeda bl-

istess impjegata tal-bank li kien ħalla l-ordni tiegħu magħha fl-1 ta' Ġunju, 2016, il-konvenuti kien ikollhom forsi raġun jitfgħu parti mit-tort għal dak li ġara fuq il-bank attur għaliex f'dak il-każ dik l-impjegata tal-bank kienet tkun fid-dmir li żżomm quddiem għajnejha l-ordni tal-1 ta' Ġunju, 2016 qabel tikkonferma lill-konvenut li huwa seta' jmexxi bix-xiri ta' investimenti oħra. Iżda, fil-każ tagħna jirriżulta li l-konvenut inqeda b'żewġ impjegati differenti tal-bank meta għamel l-ordnijiet tiegħu, u b'hekk huwa ma setax jippretendi li Joyce Hili kellha tkun taf bl-ordni li huwa kien għamel ftit jiem qabel ma' Josette Grillage, fl-1 ta' Ġunju, 2016.

20. B'żieda ma' dan, din il-Qorti ma tistax ma tinnutax li fis-6 ta' Ġunju, 2016, il-konvenut ta struzzjonijiet lill-bank sabiex ibiegħ f'ismu l-istess l-ishma li huwa kien ordna x-xiri tagħhom ftit tal-jiem qabel, jiġifieri fl-1 ta' Ġunju, 2016. Kemm hu hekk, ir-rikavat minn dan il-bejgħ daħal fil-kont bankarju tal-attur fid-9 ta' Ġunju, 2016 (ara r-rendikont bankarju misjub f'paġni 171 sa 173 tal-atti tal-kawża). Meta wieħed iqis kollox, dan ifisser li l-konvenut daħħal il-flus mill-bejgħ ta' dawn l-ishma fil-kont bankarju tiegħu mingħajr ma kien fl-ewwel lok ħareġ xejn minn butu biex jixtrihom għaliex il-flus biex inxtraw l-ishma ħariġhom il-bank attur f'isem il-konvenut u dan baqa' ma tħallasx tagħhom minħabba li ma kienx hemm fondi biżżejjed fil-kont bankarju tal-konvenut meta mar biex jiġbidhom minnu.

21. Fiż-żgur għalhekk li din il-Qorti ma tista' qatt tagħti raġun lill-konvenuti fl-appell tagħhom għaliex inkella hija tkun qiegħda tagħtihom il-barka tagħha biex jagħmlu qligħ inġust minn fuq dahar il-bank attur. Wara kollox, il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenuti għadhom qegħdin jikkontestaw l-ammont mitlub mingħandhom mill-bank attur f'din il-kawża meta kien sewwasew il-konvenut stess li awtorizza lill-bank biex jiġbed dawn il-flus mill-kont bankarju tiegħu (ara d-dokument iffirmat mill-konvenut Marcellino Haber f'paġna 241 tal-atti tal-kawża). Il-fatt waħdu li l-bank attur dam ix-xhur ma nduna li huwa ma kienx tħallas lura l-flejjes li ħareġ f'isem il-konvenut ma jbiddel xejn għaliex il-flus li tagħhom qiegħed jitlob il-ħlas għadhom dovuti mill-konvenuti sal-lum il-ġurnata u b'hekk jeħtieġ illi jitħallsu.

22. L-ewwel aggravju tal-konvenuti qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

23. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** tagħhom, il-konvenuti jisħqu li l-ispejjeż tal-kawża għandu jħallashom il-bank attur. Billi l-appell tal-konvenuti qiegħed jiġi miċħud u qiegħda tiġi kkonfermata s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn laqgħet it-talbiet tal-bank attur biex jitħallas is-somma ta' 19,538.28 Dollari Amerikani mingħand il-konvenuti, huwa xieraq li l-ispejjeż tal-kawża jħallsuhom il-konvenuti, bħala l-parti telliefa fil-kawża. Madankollu, din il-Qorti mhijiex tara li f'dan il-każ partikolari jeżistu l-

estremi biex il-konvenuti jiġu ordnati jħallsu spejjeż doppji skont l-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għall-appell imressaq minnhom, u b'hekk din is-sottomissjoni tal-bank attur qiegħda tiġi mwarrba.

24. Għalhekk, dan l-aggravju tal-konvenuti qiegħed jiġi miċħud ukoll.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenuti miżżewġin Haber u tikkonferma f'kollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha kontrihom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da